**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 1 ta' Frar, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 24

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 24 (Laqgħa b'Urġenza) li ser tinżamm permezz ta' Zoom nhar il-Ħamis 4 ta' Frar, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

24.1 Ir-roundabout fi Triq it-Tempesta, kantuniera ma' Triq il-Fulija u Triq Antonio Chircop.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-24 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (Laqgħa b'Urġenza) li saret nhar il-Ħamis 4 ta' Frar, 2021 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1 **IR-ROUNDABOUT FI TRIQ IT-TEMPESTA, KANTUNIERA MA' TRIQ IL-FULIJA U TRIQ ANTONIO CHIRCOP**

24.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li nħass il-bżonn li ssir din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa Triq it-Tempesta wara l-ilmenti ta' diversi residenti, u issa f'din il-laqgħa ser ikollna preżenti wkoll Perit minn Infrastructure Malta biex twieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

24.1.2 Is-Sindku stieden lil dawk li xtaqu jagħmlu xi mistoqsijiet sabiex jagħmlu dan.

24.1.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li minn mindu saret ir-roundabout li tinsab kantuniera ma' Triq il-Fulija u Triq Antonio Chircop, daħlu diversi lmenti, fosthom li kemm il-karozzi tat-trasport pubbliku kif ukoll vannijiet li jkunu sejrin fid-direzzjoni ta' Triq Antonio Chircop jispiċċaw imorru fuq in-naħa l-oħra tat-triq u jaqbżu l-karreġġjata.

24.1.3.1 Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto wieġbet li Infrastructure Malta ħadmet fuq mudell, u dan jaħdem permezz ta' software, u poġġew karozza tat-trasport pubbliku ta' 12-il metru, u daħlet tajjeb ħafna.

24.1.3.2 Il-Viċi Sindku qal li hija ħasra li qed jingħad hekk għax mhux darba jew tnejn ra personalment vetturi tat-trasport pubbliku jirriversjaw għax isibu karozza nieżla minn Triq Antonio Chircop.

24.1.3.3 Il-Perit Testaferrata de Noto qalet li qabel ma sar l-intervent t'Infrastructure Malta fi Triq it-Tempesta, il-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija kien maħruġ aktar 'il barra milli hu llum, tant li matul il-proġett tnaqqret biċċa minnu biex id-dawra ċirkulari tkun aktar komda.

24.1.3.4 Dwar il-kumment tal-Viċi Sindku li r-roundabout mhijiex iċċentrata, il-Perit wieġbet li din tinsab fiċ-ċentru tat-triq, skont id-disinji t'Infrastructure Malta.

24.1.3.5 Il-Viċi Sindku qal li jekk kemm-il darba huwa hekk, allura ma saritx skont il-pjanti ta' Infrastrucure Malta, għax fil-verità tinsab imġennba lejn Triq il-Fulija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1.3.6 Żied, li biex il-karozzi jduru mar-roundabout qegħdin jidħlu fis-service road u jsibu ma' wiċċhom nies li jkunu qegħdin jaqsmu għax ikunu qed jimxu.

24.1.3.6 Il-Perit wieġbet li jekk huwa minnu li waqt li qed jaqsmu n-nies qed isibu l-karozzi ma' wiċċhom, allura n-nies qed jippruvaw jaqsmu minn ġor-roundabout.

24.1.4 Inħolqot diskussjoni dwar il-fatt li mkien f'Malta ma tara nies jippruvaw jaqsmu minn ġo roundabout jew inkella eżatt maġenbha.

24.1.5 Il-Perit Testaferrata de Noto staqsiet speċifikament x'hemm ħażin fir-roundabout, u dan sabiex Infrastructure Malta tirranġa fejn hemm ħażin.

24.1.5.1 Il-Viċi Sindku Bugeja wieġeb li tal-linja jew vannijiet kabbarin qed jispiċċaw imorru wrong way huma u telgħin lejn Triq Antonio Chircop, u n-nies qed jispiċċaw jaqsmu bil-konsegwenza li jistgħu jsibu karozza fuqhom.

24.1.5.2 Il-Perit irrimarkat li bil-mod kif qed tiżvolġi d-diskussjoni, donnu li n-nies li jkunu qed jimxu mhux jużaw il-bankina biex jaqsmu.

24.1.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li issa hemm realtà ġdida, u li jekk kemm-il darba r-roundabout qiegħda kif suppost, allura rridu nidraw.

24.1.6.1 Staqsiet u xtaqet konferma li n-nies li jkunu qed jimxu, issa jridu jinżlu ftit metri fi Triq i-Fulija biex jaslu għan-naħa l-oħra tal-by-pass.

24.1.6.2 Il-Perit ikkonfermat li dan huwa minnu għax inkella jispiċċaw jaqsmu minn ġo roundabout.

24.1.7 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja semma' wkoll lil dawk li jkunu qed jiġru u jsuqu r-rota.

24.1.7.1 Il-Perit Testaferrata de Noto qalet li min isuq rota jrid isegwi u jobdi r-regolamenti tas-sewqan għaliex iċ-ċiklisti għandhom l-istess regolamenti tal-karozzi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1.7.2 Spjegat li jekk fil-passat persuna miexja kienet issib karozza fuqha x'ħin taqsm, illum qed issib l-istess, bil-Viċi Sindku Bugeja wieġeb li saħansitra lnaqqsu biċċiet mis-service road, u allura l-wisa' bejn triq u oħra ġiet akbar biex taqsam.

24.1.7.3 Il-Perit qalet li l-veloċità tal-vetturi naqset kemm fis-service road u anke fil-by-pass, u dan għamel it-triq aktar sikura. Qalet li jekk qabel kien ikun hemm atleta jiġri, kien ikun aktar fil-periklu milli qiegħed illum għaliex issa l-karozzi qed inaqqsu l-veloċità malli joqorbu lejn ir-roundabout.

24.1.8 Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-tabelli tal-veloċità li twaħħlu fi Triq it-Tempesta u li qed jimmarkaw 50km/hr u qal li dan huwa speed eċċessiv.

24.1.8.1 Il-Perit qalet li dan huwa skont il-kriterji tat-traffiku, il-massimu, u l-Viċi Sindku qal li mid-disinn għall-prattika, ir-roundabout qed tinqara differenti.

24.1.8.2 Il-Perit Testaferrata de Noto semmiet l-eżempju tar-roundabout tal-Birkirkara by-pass, li hija ddisnjata l-istess kif kienet iddisinjata ta' Triq it-Tempesta. Qalet li hemm roundabouts oħra f'Malta li huma simioli.

24.1.8.3 Il-Viċi Sindku qal li setgħu saru affarijiet differenti imma hu m'huwiex kompetenti għax hemm nies oħra professjonisti li jagħmlu dan ix-xogħol.

24.1.8.4 Il-Perit stednitu biex iqabbad Perit tal-għażla tiegħu, u jressaq il-proposti tiegħu bil-miktub lil Infrastructure Malta saaiex jaraw jekk dawn ikunu aħjar milli għamlu huma. u jaraw jekk hijiex aħjar minn t'Infrastructure Malta.

24.1.8.5 Kompliet li l-Viċi Sindku ma ġab xejn miegħu biex isostni dak li qed jgħid, jiġifieri li diversi nies kienu ser jittajru mill-karozzi.

24.1.8.6 Il-Viċi Sindku Bugeja wieġeb li allaħares kulmin kien ser jittajjar mar jagħmel rapport l-Għassa, għax kieku ma kenux jieqfu jieħdu r-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

rapporti.

24.1.9 Il-Perit Testaferrata de Noto staqsiet lill-Kunsillieri l-oħra dwar xi lmenti u/jew suġġerimenti li setgħu rċevew.

24.1.10 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li hi ma tantx tuża' din ir-roundabout, imma fil-verità hija realtà ġdida.

24.1.10.1 Qalet li kellhja xi lmenti imma b'għajnejha ma rat xejn, u fuq toroq ma tħossx li għandha titkellem għax mhijiex Perit.

24.1.11 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet jekk ir-roundabout inkwistjoni setgħetx ġiet iżgħar, imma kkonfermat li hi ma tifhimx fil-kostruzzjoini tat-toroq.

24.1.11.1 Il-Perit qalet li hija size tajjeb, u filwaqt li uriet il-pjanta mfassla minn Infrastructure Malta, uriet żona safranija li minnha jgħaddu l-karozzi u kowċ ta' 12-il metru.

24.1.12 Il-Viċi Sindku baqa' jsostni li bejn il-pjanti u l-verità probabbli hemm differenza, u stieden lill-Perit sabiex tqatta' ftit ħin fil-by-pass u tara fis-seħħ x'qed isir.

24.1.13 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li hu sema' l-istess affarijiet bħall-Kunsillieri ta' qablu, u staqsa jekk setgħux saru affarijiert oħra minbarra r-roundabout.

24.1.13.1 Ġab eżempju bi Blue Grotto Avenue, il-by-pass taż-Żurrieq u qal li hemmhekk hemm mezzi oħra biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi, bħal-Central strips, eċċ...

24.1.13.2 Il-Perit wieġbet li l-aħjar soluzzjoni kienet ir-roundabout għaliex central strip qiegħda hemm biex ma jkunx hemm overtaking u mhux biex titnaqqas il-veloċità.

24.1.13.3 Dwar l-ispeed cameras qalet li minn Triq it-Tempesta ma jgħaddix volum kbir ta' karozzi, u allura mhux vijabbli li jsiru. Semmiet ukoll ir-rumble strips, li minnhom infushom jiġġeneraw ammont ta' ħsejjes, u allura jkunu t'inkonvenjent għar-residenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1.13.4 Żiedet li lanqas ir-road humps mhuma vijabbli, l-ewwel nett għax tgħaddi liema karozza tgħaddi minn fuqhom ser tagħmel il-ħsejjes, u t-tieni għax ikollhom bilfors isiru tat-tarmak minħabba li t-triq wiesgħa ħafna.

24.1.13.5 Fissret kif wara li kienet meqjusa kull possibbilità ġie deċiż li l-aħjar soluzzjoni sabiex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv kienet li ssir roundabout.

24.1.14 Il-Perit Testaferrata de Noto qalet li sfortunatament, qabel sar dan il-proġett, kien hemm inċidenti fatali f'din it-triq, u l-għan t'Infrastructure Malta kien li ma jkunx hemm aktar imwiet.

24.1.14.1 Qalet li bil-proġett il-ġdid ġew irregolarrizati l-movimenti tal-karozzi madwar ir-roundabout, u allura fih innifsu dan irregolarizza lis-sewwieqa biex inaqqsu l-veloċità eċċessiva li jkunu qed isuqu biha.

24.1.14.2 Għal darb'oħra reġgħet stiednet lill-Viċi Sindku Bugeja sabiex iressaq proposta jew proposti ta x'jista' jsir differenti ħalli Infrastructure Malta tikkunsidrahom.

24.1.15 Il-Viċi Sindku kkonferma li kemm ilha li saret ir-roundabout, aktar ħolqot ċans li jsiru inċidenti milli ma jsirux.

24.1.16 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk jistax isir monitoring minn Infrastructure Malta sabiex jiġi ċċekkjat kif ikunu deħlin il-karozzi fi Triq il-Fuilija u Triq Antonio Chircop u kif qed jimxu n-nies ġo Triq it-Tempesta.

24.1.16.1 Qal li jekk ikun hemm recording għal ftit jiem il-ħin kollu, Infrastructure Malta jkollha idea ċara ta x'qiegħed iseħħ.

24.1.16.2 Il-Perit baqgħet issostni li r-roundabout qiegħda fuq standard design, approvata minn software apposta.

24.1.17 Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar ir-roundabout li hemm kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

24.1.17.1 Qal li fis-service road baqgħet ħierġa parti mill-kurduna li tiddirezzjonak lejn il-Qrendi, u qed tkun t'ostaklu jekk il-karozzi jkunu jridu joħorġu fil-by-pass.

24.1.17.2 Il-Perit qalet li skont il-pjanta tagħhom, kull karozza tista' tgħaddi komda għaliex id-disinn tagħhom ħadmu fuq qies ta' scammel mill-kbar.

24.1.17.3 Qalet li jekk kemm-il darba vettura ma tkunx ġejja b'veloċità qawwija, tkun tista' ddawwar tajjeb.

24.1.18 Il-Perit semmiet ukoll l-immaniġġjar tat-traffiku, u qalet li jekk il-Kunsill Lokali jrid iressaq xi proposti minħabba tabelli ġodda, dawn għandhom ikunu diskussi ma' Transport Malta.

24.1.19 Il-Kunsilliera Marion Parnis issuġġeriet li espert t'Infrastructue Malta jqatta' ftit ħin fil-by-pass tal-Qrendi, għax jista' jkun li mit-teorija għall-fatti jkun hemm avarija, u allura jekk wieħed jkun fuq il-post jara x'qed jiġri u jkun jista' jiġi deċiż jekk hemmx bżonn titjieb fuq dak li sar.

24.1.19.1 Il-Perit Testaferrata de Noto qalet li ma ssibx problema li toqgħod fil-by-pass u tara b 'għajnejha.

24.1.20 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li r-roundabout mhijiex viżibbli, qiegħda baxxa, u avolja saru xi tabelli, xorta ma tidhirx biżżejjed.

24.1.21 Staqsa wkoll dwar it-tabelli li twaħħlu aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra fir-roundabout, u l-Perit wieġbet li ma tafx min waħħalhom għax skont il-pjanta t'Infrastructure Malta ma kellhomx isiru kif saru.

24.1.22 Il-Viċi Sindku staqsa wkoll jekk huwiex minnu li r-roundabout mhux bilfors kienet ippjanata mal-ewwel, imma ġiet inkluża wara, b'differenza mill-pjanta oriġinali.

24.1.22.1 Il-Perit qalet li din hi allegazzjoni u li hi ma tafx x'sar qabel daħlet f'Infrastructuree Malta minħabba li kienet fuq study leave, u li tista' tikkummenta fuq dak li seħħ minn meta rritornat lura għax-xogħol.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1.23 Is-Sindku David Schembri qal li meta tkellimna m'Infrastructrue Malta dejjem semmejna li kellna tliet żoni problematiċi, u l-pjanti ħarġu minn Infrastructure Malta.

24.1.23.1 Stieden lill-Viċi Sindku Bugeja biex jekk jaf li Infrastructure Malta kellhom xi proposta oħra, iġibha u titressaq lil Infrastructure Malta stess.

*Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto ħalliet il-laqgħa fis-18:24.*

24.1.24 Il-Viċi Sindku Bugeja qal li kif inhi r-roundabout hija perikoluża u xtaq li jiddisassoċja lilu nnifsu minn dan il-proġett sakemm l-esperti t'Infrastructure Malta jmorru fuq il-post, jaraw x'qed jiġri u jieħdu azzjoni.

24.1.25 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li kemm ilha mwaqqfa Infrastructure Malta, qatt ma kien hemm pjanti differenti minn dik li ntweriet waqt il-laqgħa.

24.1.26 Qal li kien fadallu aktar mistoqsijiet għall-Perit Testaferrata de Noto, bħall-każ ta' junction x'ħin tkun ġej mid-direzzjoni taż-Żurrieq għall-Qrendi.

24.1.26.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li din il-blind spot għandha tiġi riżolta għax hemm parti minn għalqa ser tiġi esproprijata.

24.1.27 Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk ir-roundabout kantuniera ma' Triq il-Fulija u Triq Antonio Chircop setgħetx tiġi ftit aktar għolja u mdawla aktar.

24.1.27.1 Is-Sindku wieġeb li kif saru s-sinjali issa, r-roundabout ser tkun aktar imdawla malli jersqu l-karozzi lejha. Dan wara li sar cats' eyes u glass eyes madwarha.

24.1.28 Dwar Triq Nicolò Communet, intqal li fil-verità t-triq baqgħet two-way, l-uniku ħaġa li nbidlet kienu l-ħruġ u d-dħul fi Triq it-Tempesta.

24.1.29 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk hemmx rekords uffiċjali tal-inċidenti li seħħew s'issa fil-by-pass tal-Qrendi mindu sar il-proġett.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

24.1.29.1 Is-Sindku wieġeb li hemm biss rapport wieħed għand l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, u dan skont l-artiklu li deher fuq Newsbook, imma m'eskludiex li jista' jkun hemm xi rapporti għand il-Gwardjani Lokali.

24.1.30 Is-Sindku qal li rridu naraw xi żviluppi ser ikun hemm mil-lum 'il quddiem għaliex issa twaħħlu s-sinjali li kellhom jitwaħħlu u allura r-roundabout tinsab lesta minn kollox.

24.1.30.1 Qal li nibdew nieħdu konjizzjoni ta' dak li ser iseħħ mil-lum 'il quddiem, imbagħad naraw kif għandna naġixxu.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:00.

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |